Qorti Ċivili, Prim'Awla

Imħallef Anthony Ellul

Rikors numru: 1239/2023

MT Secure Trade Limited

Vs

Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja

31 ta' Lulju, 2023.

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-rikors li bih ir-rikorrenti talbet lil din il-qorti sabiex tinibixxi lill-intimata milli:

*"tippubblika, fuq is-sit elettroniku uffiċjali tal-Korp jew kwalsiasi sit jew lok ieħor, kwalsiasi referenza għad-Deċiżjoni Amministrattiva tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) datata 11 ta' Lulju 2023 (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok A) jew kwalsiasi referenza għall-piena amministrattiva u/jew miżura mogħtija bis-setgħa tal-istess deċiżjoni".*

Rat it-tweġiba tal-intimata (21.7.2023).

Bażat fuq dak li jingħad f'paragrafu 4(i) u (ii) tat-tweġiba, il-qorti m'hijiex sodisfatta li hemm bżonn biex tilqa' t-talba tar-rikorrenti.

Għalhekk tiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontriha.

Imħallef Anthony Ellul.